


# Il-mitjar ta' Ħal Far u Kalafrana – *l-ewwel parti*

Minn Ludwig N Desira




Waqt il-kors ta' tieni Gwerra Dinija, ġew miftuħa tlett runways bi tarmac f'Malta wieħed ġewwa Ħal-Far, ieħor Ta' Qali u ieħor Ħal-Luqa,kif ukoll żewġ korsiji għall-inżul tal-ajruplani, waħda ġewwa l-Qrendi, u l-oħra f'Ħal- Safi. Minħabba l-invażjoni ta' Sqallija, inġiniera Amerikani bnew ukoll kursija oħra għall-inżul tal-ajruplani ġewwa Għawdex, iżda din kienet żarmata wara t-tieni gwerra dinija. Flimkien mal-bażi ġewwa Kalafrana f' Birżebbuġa dawn kellhom importanza fid-difiża ta' Malta f'dan il-perjodu ikrah.




l-ajruport ta' Ħal-Far,kien wieħed mil-aktar famużi minn dawk barra mix-xtut tal-Gran Brittanja, għall-ekwipaġġi tal-ajru Ingliżi matul iż-żminijiet. L-isem tal-mitjar ġej mil kelma Maltija *far* li tfisser ġurdien kbir. Minn żmien il- Kavallieri ta' San Ġwann din il- biċċa art ma kinetx fertili u għaldaqstant ħadd ma ried jgħix fiha kif ukoll għax kienet infestata mill-ġrieden. Bħala riżultat il-Kavallieri ta' San Ġwann inkoraġġew il-passatemp tal-falkunerija man-nies tal-lokal biex jeqirdu l-ġrieden. Dan kien l-ewwel ajruport permanenti li ġie mibni ġewwa Malta, u l-pożizzjonii strateġika tiegħu fil- gżejjer Maltin għenitu biex jikseb iktar importanza fil-Mediterran. Għalhekk beda jipprovdi bażi għal kull unita li żbarkat mill-*carriers* fir-rotot importanti tagħhom lejn kolonji oħra fl-, speċjalment lejn Afrika. Minbarra minn hekk dan il- mitjar kien aktar faċli tilħqu minn fuq il-baħar ferm aktar mill-oħrajn, għalhekk Ħal Far sar l-iktar bażi preferuta filwaqt li faċilitajiet eċċellenti għamlu dan il-post idejali fejn beda jsir taħriġ intensiv mis-suldati malli jaslu Malta.



Fl-aħħar tas-snin 1920 u nofs is-snin1930, kif ukoll fl- 1950 bħala HMS Falcon, Ħal Far kien wieħed mill-iktar mitjar impenjati fl-Fleet Air Arm. Min bejn 1958 u l-1962 Ħal Far kien importanti ħafna għall-forza tal-ajru tal-flotta Ingliża bħala l-uniku bażi li kien fadal bħalu barra mix-xtut Ingliżi, wara li għalaq Sembawang f' Singapore.
Imma biex tifhem l- importanza ta' kif kiber fl-importanza dan il mitjar wieħed irid jibda l-istorja mill-bidu u jmur lura għall-bidu tal-ewwel gwerra dinija, meta din rat il-bidu tal-ajruplani.




## Fil-bidu

F' Lulju ta' 1914 twaqqfet ir-Royal Naval Air Service (RNAS) f' Eastchurch, fl-Ingilterra, bħala id-driegħ li jfittex mill-ajru għar-Royal Navy. Dan kien organizzazzjoni separata mill Army's Royal Flying Corps (RFC). Sal-aħħar tas-sena , ajruplani mill-RNAS bdew jaħdmu b'suċċess mill-bażi fi Franza u Ingilterra u meta bdiet l- kampanja ta' Gallipoli fl- 25 April 1915, RNAS tat is-sehem tagħha kollu, billi bdiet tħaddem ajruplani tal-baħar ( sea planes). Dawn bdew joperaw mill HMS *Ark Royal* u ajruplani li kienu bbażati fuq ix-xatt. L- *Ark* kien *carrier* tal-ajriplan tal- baħar *u*kien jġorr tmienja minn dawn l-ajruplani li kienu jittajru minn fuq *trolleys* li kienu miżmuma fuq pjattaforma kbira .

Fl- 25 April 1915 sottomarin Ġermaniż U-21 ħalla l-bażi fuq River Ems, ħdejn Emden, għadda mill-istrett ta' Ġibiltà fis-6 ta' Mejju, waqaf għall-ġimgħa f' Cattaro u għall-biża' kbir tal-flotta Ingliża għarraq żewġ vapuri tal-gwerra HMS *Triumph* u *Majestic* barra d-Dardanelli. Fl-aħħar tal-1915 kien hemm tlettax il-sottomarin Ġermaniż jduru l-ewwel fil-baħar Eġew u wara issakkeġġaw iktar vapuri fil-Mediterran kif kien jsir spiss fi żmien ta' gwerra. Sabiex jpatti għal dan kollu l-Ammiraljat ġewwa Londra ħarġet permess biex jinbena bażi ghall ajruplani ( seaplanes) ġewwa Malta li kienet diga bażi navali importanti u għaldaqstant f'Lulju tal-1916 nfetaħ il-hangar b'art lesta apposta għall-ajruplani fuq naħa tal Punent tal-bajja ta' Marsaxlokk ġewwa Calafrana (Kalafrana). Tajjeb li wieħed jinnota li l-isem kien jiġi miktub b'dan il mod, u dan juri biċ-ċar l-influwenza Taljana fuq l-ilsien Malti. Kien biss fl 1936 meta l-isem sar jinkiteb kif nafuħ lum bħala Kalafrana.

Fl-aħħar ta' sena 1916 ħames *Curtiss America flying boats* intbagħtu minn Felixstowe għal Kalafrana flimkien ma' seba' piloti, żewġ Warrant Officers kif ukoll numru sostanzjali ta' mechanics,Taħt il-Kmandant tal-Ajru J D Maude. L-ajruplani kienu jħarsu u jissorveljaw l-approċċi kollha ta' Malta. Okkażjonalment kienu jagħmlu xi attakk fuq xi sottomarin, iżda bla ebda riżultat konvinċenti, biss dejjem urew il-valur tagħhom billi rrapurtaw lill-konvojs il- preżenza ta' biċċiet tal-baħar tal-għadu fuq wiċċ l-ilma, sottomarini u mini.



**Referenzi:**
www.aviationinmalta.com